A.L. 37 ta' l-1993

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1993 dwar Ħlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 41(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu fil-qosor.

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Ħlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università ta' Malta.

Ħlasijiet li għandhom jitħallsu.

2. Il-ħlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola Livell Avvanzat, Eżamijiet Prattiċi, Eżamijiet Livell Intermedjarju, Eżamijiet għal Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja u l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu għar-reġistrazzjoni għal dawn l-eżamijiet huma kif jidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

Ħlas għar-Reġistrazzjoni	Lm3.00
Eżami tal-Matrikola Livell Avvanzat	Lm8.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami Prattiku	Lm2.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami Livell Intermedjarju	Lm7.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami għal Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja	Lm5.00 għal kull suġġett meħud.
Ħlas addizzjonali għal reġistrazzjoni tardiva	Lm5.00 għal kull suġġett meħud.